# Le għar-razziżmu

Sarah, accountant kwalifikata, iċċaħdet minn promozzjoni minħabba r-razza tagħha. Minkejja l-prestazzjoni u l-kompetenza eċċellenti tagħha, kollegi inqas kwalifikati minn Sarah ta' dixxendenza Maltija tqiesu aħjar minnha biex javvanzaw. Waqt laqgħa li Sarah kellha mas-superjuri tagħha, Sarah skopriet li r-razza tagħha kienet l-ostaklu għall-promozzjoni.

Skont l-Ewrobarometru dwar id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea ppubblikat f'Diċembru tal-2023[1], 70% u 62% tal-Maltin jaħsbu li d-diskriminazzjoni abbażi tal-kulur tal-ġilda u abbażi tal-oriġni etnika rispettivament huma mifruxa ħafna f'pajjiżna. L-istħarriġ juri wkoll li madwar 31% tal-Maltin ma jħossuhomx komdi kieku wieħed minn uliedhom ikun f'relazzjoni ta' mħabba ma' persuna sewda (UE: 15%) waqt li 26% tal-Maltin ma jħossuhomx komdi kieku wieħed minn uliedhom ikun f'relazzjoni ta' mħabba ma' persuna Asjatika (13%). Ta' min isemmi wkoll li dawn iż-żewġ ċifri huma aktar mid-doppju tal-medja tal-UE.

Huwa f'dan il-kuntest li jeħtieġ li nkomplu naħdmu sabiex neliminaw dawn il-preġudizzji. Fl-2021, Malta nediet l-ewwel Strateġija Kontra r-Razziżmu (2021–2023). Din l-istrateġija għandha l-għan li tikkonfronta u telimina r-razziżmu fil-forom kollha tiegħu, jiġifieri individwali, sistemiku u soċjali kif ukoll tistimula u tappoġġja l-inklużjoni ta' kulturi differenti. Din l-istrateġija hija maħsuba biex ittejjeb is-sitwazzjoni u l-esperjenza ta' gruppi minoritarji u biex ittejjeb il-kwalità tar-relazzjonijiet u tal-interazzjonijiet bejn il-gruppi kollha fis-soċjetà.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) ukoll qiegħda taħdem sabiex telimina d-diskriminazzjoni razzjali skont il-mandat tagħha. Bħala korp tal-ugwaljanza, l-NCPE taħdem b'mod attiv biex tinħoloq soċjetà li tħaddan l-ugwaljanza u tiġġieled id-diskriminazzjoni. Apparti li tinvestiga lmenti ta' diskriminazzjoni abbażi tar-razza u l-oriġini etnika fl-impjieg, fl-edukazzjoni, fil-banek u fl-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll fl-aċċess u fil-provvista tal-oġġetti u s-servizzi, l-NCPE twettaq diversi kampanji ta' għarfien.

[1] Ewrobarometru Speċjali 535

Bħalissa l-NCPE qiegħda timplimenta sett ta' inizjattivi, bi sħab mal-Aditus Foundation, dwar ir-razza u l-oriġini etnika permezz tal-proġett 'Strengthening of Knowledge on Integration and Non-Discrimination' (SKIN). Dan il-proġett kofinanzjat mill-UE jfittex li jidentifika l-ħtiġijiet u d-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-migranti u l-Musulmani. Dawn l-inizjattivi jinkludu kampanja ta' għarfien, sessjonijiet ta' taħriġ, focus groups u laqgħat ta' konsultazzjoni bejn l-imsieħba kkonċernati fost oħrajn.

Barra dawn l-inizjattivi, l-NCPE qiegħda tipparteċipa wkoll fil-proġett kofinanzjat mill-UE immexxi mid-Direttorat tad-Drittijiet Umani (l-HRD) bl-isem 'Lejn l-Implimentazzjoni ta' Strateġija Kontra r-Razziżmu għal Malta'. L-irwol tal-NCPE f'dan il-proġett huwa li tipprovdi perspettiva bħala korp nazzjonali għall-ugwaljanza dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji li jindirizzaw ir-razziżmu f'Malta.

Kull sena l-Ġnus Magħquda tfakkar jum internazzjonali li jirrikonoxxi li għad baqa' ħafna xi jsir biex neliminaw id-diskriminazzjoni razzjali fis-soċjetà tagħna. Għaldaqstant, l-NCPE hija kommessa li tkompli taħdem biex tiżgura li kull persuna, irrispettivament mill-oriġini etnika jew razzjali, tiġi ttrattata b'dinjità u rispett.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200, equality@gov.mt jew fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE (Facebook, Instagram u Twitter - NCPE.Malta)*

**2 t'April 2024**